**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 10 ta' Novembru 2016**

**Pulizija**

**Spettur Kylie Borg**

**Vs**

**Ciera Jane Galea**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Ciera Jane Galea ta' 20 sena , bint Joswil Galea u Jemma Jane xebba Polster, imwielda Pieta' nhar it-30 ta' Lulju 1996, residenti Flat 4, Mare Flats, Plot 43, Triq J. Quintinus, Qawra u detentrici ta' karta ta' l-identita' bin-numru 320296M;

Talli f'xi zmien matul is-sena 2016, minn gewwa fond 19, Romance, Vjal il-Helsien, Haz-Zebbug:

1) Ikkommettiet serq (ta' deheb) liema serq huwa aggravat bil-valur (ta' izjed min €2329.37), bil-lok u bil-persuna, ghad-dannu ta' Mary Anne Farrugia u/jew persuni ohra;

2) U aktar talli fl-istess cirkostanzi, f'Malta, xjentement laqghet ghanda jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li tkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fl-10 ta' Novembru 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 267, 268, 269 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin taht supervizjoni ai termini tal-Art. 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna lill-imputata thallas is-somma ta' elfejn euro (€2,000) lil Mary Anne Farrugia fi zmien sitt (6) xhur ai termini tal-Art. 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**